



Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2022/2081(DEC)

24.1.2023

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza 2021: Baġit ġenerali tal-UE – Il-Kummissjoni
(2022/2081(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Carina Ohlsson

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbi, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakk li l-istat tad-dritt, il-valuri fundamentali tal-UE u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi beneficiarji huma inkorporati fl-atti bażiċi tal-IPA III u tal-NDICI; jistieden lill-Kummissjoni timmodifika l-assistenza f'każ li t-theddid għad-demokrazija, għall-istat tad-dritt jew għal-libertajiet fundamentali jesīġu tali modifika;
2. Jitlob li tingħata priorità akbar lill-ġlieda kontra l-korruzzjoni fin-negożjati ta' qabel l-adeżjoni u li titqiegħed enfasi fuq l-iżvilupp tal-kapaċitajiet; jistieden lill-Kummissjoni tibgħat sinjali ċari lill-pajjiżi kandidati biex jirrealizzaw li r-rigress fl-standards tal-istat tad-dritt qed jipperikola jew jittardja l-adeżjoni tagħhom mal-UE; jiddispjaċi għall-fatt li, skont ir-Rapport Speċjali tal-QEA Nru 01/2022, appoġġ finanzjarju li jammonta għal EUR 700 miljun għat-titjib tal-istat tad-dritt fil-Balkani tal-Punent, mogħti mill-UE fil-perjodu bejn l-2014 u l-2020, kellu impatt limitat fuq ir-riformi fundamentali; jistieden lill-Kummissjoni tibgħat sinjali ċari lill-pajjiżi kandidati li fihom rigress fl-standards tal-istat tad-dritt – inklużi r-restrizzjonijiet għal-libertà tal-espressjoni, għal-libertà tal-istampa, għad-drittijiet tan-nisa u tal-minoranzi, il-fastidju fil-konfront tal-NGOs u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem – qed jipperikola jew jittardja l-adeżjoni tagħhom mal-UE; jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-effiċjenza tal-fondi li ntefqu biex titjeb il-qagħda tal-istat tad-dritt fil-pajjiżi li jinsabu fil-fażi ta' adeżjoni u jirraportaw f'dan ir-rigward lill-Kumitat AFET u CONT;
3. Jieħu nota ta' dak li sabet il-Qorti li tikkonferma li r-riskju ta' żball f'din l-intestatura tal-QFP jibqa' għoli minħabba, fost affarrijiet oħra, in-nefqa mġarrba u żbalji fl-akkwist pubbliku;
4. Huwa konvint mill-fehma li l-interessi finanzjarji tal-UE għandhom jitħarsu bl-istess mod fi ħdan l-Unjoni u barra minnha; iqis għaldaqstant li l-Kummissjoni għandha tqiegħed enfasi akbar fuq il-fondi li ntefqu fil-pajjiżi terzi bil-għan li tivverifika li dawn il-fondi ntefqu skont ir-regoli Ewropej, mingħajr frodi u mingħajr korruzzjoni, u tikkonferma jekk jikkontribwux għall-għanijiet tal-politika esterna u ta' żvilupp tal-Unjoni; jirrakkomanda li jiġu applikati sanżjonijiet u jiġi sospiż l-appoġġ baġitarju fil-pajjiżi terzi li fihom l-awtoritajiet nazzjonali jonqsu manifestament li jieħdu miżuri konkreti kontra l-korruzzjoni mifruxa, filwaqt li jiġi żgurat li l-assistenza tilħaq il-popolazzjoni ċivili permezz ta' kanali alternattivi;
5. Josserva li fl-2021 il-Parlament qabel fuq livell ġenerali mal-użu tar-riżervu baġitarja tal-NDICI għall-prioritajiet politiċi persegwiti, b'mod partikolari fir-rigward tal-appoġġ għall-ġlieda kontra l-pandemja; ifakk li l-pakkett finanzjarju għar-rifuġjati mis-Sirja jibqa' bżonn urġenti li seta' jiġi mbassar; jinsisti li kwalunkwe finanzjament mir-riżerva ta' emerġenza għandu jintuża principally għal ċirkostanzi mhux previsti; jitlob li jkun hemm bizzżejjed riżorsi għall-finanzjament tal-pakkett finanzjarju għar-rifuġjati mis-Sirja;

6. Jinsab imħasseb dwar il-qedra u l-konfiska ta' proġetti ffinanzjati mill-Unjoni fix-Xatt tal-Punent; ifakkar fil-pożizzjoni tal-Kunsill, li esprima l-impenn tiegħu li jiġura li l-ftehimiet kollha bejn Iżrael u l-UE għandhom l-obbligu li jindikaw b'mod inekwivoku u espliċitu l-inapplikabbiltà għat-territorji okkupati minn Iżrael mill-1967, kif ukoll u jkompli l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni u l-arranġamenti bilaterali applikabbi għall-prodotti tal-insedjamenti;
7. Jirrikonoxxi r-rwol fundamentali li tiżvolġi l-UNRWA biex tforni lir-rifuġjati Palestini servizzi vitali; ifaħħar ir-riżultati tal-istudju dwar il-kotba tal-iskola Palestini li għamel l-Istitut Georg Eckert, li wera stampa kumplessa li tikkonferma li jirrispettaw l-istandardi tal-UNESCO u jadottaw kriterji prominenti fid-diskors internazzjonali dwar l-edukazzjoni, inkluż enfasi qawwija fuq id-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li juru antagoniżmu fil-konfront ta' Iżrael fil-kuntest tal-kunflitt Izraelo-Palestinjan;
8. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-reviżjoni li għaddejja bħalissa tal-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni tal-Kummissjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-UE żżid il-viżibbiltà tal-azzjonijiet tagħha permezz ta' komunikazzjoni aħjar u aktar strateġika tal-azzjonijiet esterni tagħha mmirati lejn iċ-ċittadini tagħha stess u mhux;
9. Ifaħħar bil-qawwa l-isforzi tas-soċjetà ċivili fuq livell dinji fil-promozzjoni u fid-difiża tad-drittijiet tal-bniedem, speċjalment fi żmien meta l-ispazju għas-soċjetà ċivili qiegħed jiċċien u meta qiegħdin jitqajmu dubji rigward l-universalità tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-assistenza għall-kooperazzjoni tagħha ssaħħaħ l-appoġġ għas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, għall-popli indiġeni u għall-komunitajiet tradizzjonali;
10. Ifaħħar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li timmobilizza EUR 30 miljun oħra biex issaħħaħ aktar ir-reżiljenza u l-kapaċitā tal-poplu Belarussu li ntlaqat mill-kriżi politika bil-għan li tippromwovi bidliet demokratiċi fil-Belarussja.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	24.1.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0: 56 5 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alexander Alexandrov Yordanov, Petras Auštrevičius, Traian Băsescu, Reinhard Bütkofer, Susanna Ceccardi, Włodzimierz Cimoszewicz, Anna Fotyga, Michael Gahler, Sunčana Glavak, Raphaël Glucksmann, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Sandra Kalniete, Dietmar Köster, Andrius Kubilius, İlhan Kyuchyuk, Jean-Lin Lacapelle, David Lega, Miriam Lexmann, Nathalie Loiseau, Leopoldo López Gil, Thierry Mariani, Pedro Marques, Marisa Matias, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Sven Mikser, Francisco José Millán Mon, Javier Nart, Matjaž Nemec, Gheorghe-Vlad Nistor, Urmas Paet, Demetris Papadakis, Kostas Papadakis, Tonino Picula, Giuliano Pisapia, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Radosław Sikorski, Jordi Solé, Sergei Stanishev, Dragoș Tudorache, Hilde Vautmans, Viola von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz, Charlie Weimers, Isabel Wiseler-Lima, Salima Yenbou, Bernhard Zimniok, Željana Zovko
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Anna-Michelle Asimakopoulou, Özlem Demirel, Markéta Gregorová, Karsten Lucke, Erik Marquardt, Carina Ohlsson, María Soraya Rodríguez Ramos
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Manon Aubry, Damien Carême, Theresa Muigg, Younous Omarjee, Ivan Štefanec

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

56	+
PPE	Alexander Alexandrov Yordanov, Anna-Michelle Asimakopoulou, Traian Băsescu, Michael Gahler, Sunčana Glavak, Sandra Kalniete, Andrius Kubilius, David Lega, Miriam Lexmann, Leopoldo López Gil, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Francisco José Millán Mon, Gheorghe-Vlad Nistor, Radosław Sikorski, Ivan Štefanec, Isabel Wiseler-Lima, Željana Zovko
Renew	Petras Aušrevičius, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, İlhan Kyuchyuk, Nathalie Loiseau, Javier Nart, Urmas Paet, María Soraya Rodríguez Ramos, Dragoș Tudorache, Hilde Vautmans, Salima Yenbou
S&D	Włodzimierz Cimoszewicz, Raphaël Glucksmann, Dietmar Köster, Karsten Lucke, Pedro Marques, Sven Mikser, Theresa Muigg, Matjaž Nemec, Carina Ohlsson, Demetris Papadakis, Tonino Picula, Giuliano Pisapia, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Sergei Stanishev
The Left	Manon Aubry, Özlem Demirel, Marisa Matias, Younous Omarjee
Verts/ALE	Reinhard Bütkofer, Damien Carême, Markéta Gregorová, Erik Marquardt, Jordi Solé, Viola von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz

5	-
ECR	Charlie Weimers
ID	Jean-Lin Lacapelle, Thierry Mariani, Bernhard Zimniok
NI	Kostas Papadakis

2	0
ECR	Anna Fotyga
ID	Susanna Ceccardi

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni